MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH S. REFALO**

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2006

Talba Numru. 499/2005

**Tony u Rita konjugi D'Anastasi**

**vs**

**Martin u Joyce konjugi Tanti Palmier**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-18 ta' Frar, 2005 fejn intalab il-hlas ta' elf mija u sebgha u erbghin lira Maltija (Lm1147.00) rapprezentanti xoghol maghmul mill-attur Tony d'Anastasi, fuq inkarigu tal-konvenuti, f'erba' appartamenti proprjeta` taghhom fl-Imsida.**
**Illi ghalkemm il-konvenuti gew interpellati kemm il-darba sabiex jissaldaw dan id-debitu, anke permezz ta' ittra bonarja datata 13 ta' Ottubru, 2003 u permezz ta' ittra ufficjali datata 14 ta' Mejju, 2004, kopji ta'**

**liema qed jigu hawn annessi u mmarkati Dok.A u B, huma baqghu inadempjenti.**
**Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali fuq imsemmija u bl-imghax sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenuti prezentata fil-25 ta' Mejju, 2005, fejn intqal illi t-talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante illi :**
**i. L-attur irrifjuta li jkompli u jlesti x-xoghol mibdi minnu, ittermina l-ftehim bejn il-partijiet b'konsegwenza li kkaguna danni lill-konvenuti.**
**ii. Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, ix-xoghol maghmul mill-attur ma sarx skond is-sengha u l-arti mehtiega.**
**iii. Illi minghajr pregudizzju, l-ammont pretiz huwa esagerat.**
**B'riserva ghall-eccezzjoni ohra.**
**Bl-ispejjez kollha kontra l-attur.**

**Ra l-kontro-talba prezentata mar-risposta fejn intalab il-hlas ta' elf u erba' mija u erbghin lira Maltija (Lm1440.00) rapprezentanti danni kagunati lill-konvenut mill-attur wara li l-istess attur ittermina l-ftehim bejn il-partijiet minghajr ebda raguni valida. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet.**

**Ra r-risposta ghall-kontro-talba fejn intqal li din ghandha tigi respinta billi :**
**a. Ix-xoghol li ghalih qed jintalab il-hlas sar skond il-ftehim ezistenti bejn l-attur Tony D'Anastasi u l-konvenut Martin Tanti Palmier u skond l-istruzzjonijiet moghtija mill-istess konvenut lill-istess attur u b'hekk l-atturi ma kkagunaw l-ebda dannu lill-konvenuti.**
**b. Jekk xejn kienu l-konvenuti li ma onorawx il-ftehim ta' bejn il-partijiet u per di piu` unilateralment varjaw il-kundizzjonijiet ta' l-istess ftehim. Kien ghalhekk li kellha ssir il-kawza odjerna.**
**c. Illi x-xoghol ezegwit mir-rikonvenjenti sar skond is-sengha u l-arti u sad-data tal-prezentata tar-risposta**

**tal-konvenuti, l-atturi qatt ma rcevew l-ebda lamentela f'dan ir-rigward.**
**d. Illi l-kontro-talba hija nfondata kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt.**
**e. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.**
**Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.**
**Semgha x-xhieda ta' Tony D'Anastasi, Joanne Schembri D'Anastasi, Rita D'Anastasi, Martin Tanti Palmier, Nathalie Vella, Lawrence Schiavone u Tonio Sultana. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz.**

**Ikkunsidra :**
**1. Illi l-atturi istitwew din il-kawza ghall-xoghol li ghamel l-attur f'appartamenti tal-konvenut fl-Imsida.**
**2. Jirrizulta li fil-fatt il-konvenut kien qabbad lill-attur biex jaghmel xoghol ta' installazzjoni ta' sistema tal-elettriku fi flats proprjeta` tal-konvenut, Tanti Palmier Apartments, Saint Anthony Street, Msida. Jirrizulta li l-attur hu bniedem kwalifikat biex jaghmel dan ix-xoghol. L-attur meta kien kellem lill-konvenut kien tah quotation ta' kemm ser jiswa x-xoghol ghal flat wiehed, Dok.TD1. L-attur kien talbu depozitu, u l-konvenut allegatament qallu li ser ihallsu bil-mod hekk kif isir ix-xoghol.**
**3. L-attur esebixxa d-Dok.TD2 li huwa prospett tax-xoghol li sar fil-flats imsemmija. L-attur fir-rigward ilmenta li filwaqt li ghall bidu kien gie indikat lilu li kien ser jahdem fuq zewg flats fil-fatt il-konvenut qabbdu jahdem fuq erba' flats. L-attur spjega li x-xoghol kien pratikament lestih. L-attur jispjega li l-konvenut hallsu biss mitejn lira. Dana jirrizulta mid-DokTD2 esebit. Peress li l-attur baqa' ma thallasx huwa kitiblu bl-Avukat fit-13 ta' Ottubru, 2003, dokument a fol.2 tal-process, u fl-14 ta' Mejju, 2004 giet mibghuta lilu ittra ufficjali.**
**4. L-attrici Rita D'Anastasi, li tiehu hsieb il-kontijiet ta' zewgha tikkonferma li l-attur kull ma thallas kienu il-mitejn lira imsemmijin.**
**5. Il-konvenut jikkonferma li kien qabbad lill-attur biex jahdimlu fuq erba' appartamenti biex jinstallalu**

**sistema tal-elettriku. Skond il-konvenut kienu ftehmu fuq prezz ta' elf u erba' mitt lira (Lm1400.00) u kien tah depozitu ta' mitejn lira (Lm200.00). Il-konvenut ilmenta dwar il-prezz li kienu ser jiswew il-points. Skond il-konvenut il-ftehim kien li kif jispicca l-attur jithallas.**

**6. Il-konvenut jghid li fi tlett okkazjonijiet ma sabx lill-attur jahdem hemm izda, persuna ta' nazjonalita` Arbija. L-attur jghid li meta inqalet l-kwistjoni tal-hlas ix-xoghol kien kwazi lest, tant li jghid li kull ma kien jonqos kienu xi plakek u wiring. Il-konvenut meta ra li l-attur ma riedx ikompli jekk ma jithallasx, iddecieda li jqabbad lil haddiehor li hallsu mitejn lira biex lesta. Skond il-konvenut ghaddew tlett xhur minn meta l-attur ma riedx ikompli sakemm spicca x-xoghol. It-Tribunal qed isib din il-versjoni tassew stramba, ghaliex jew tassew l-attuir kien kwazi lesta, kif del resto jghid l-istess konvenut, jew kien ghad fadal tant xoghol xi jsir li kien jinnecessita` tlett xhur xoghol. It-Tribunal hu aktar poropens li ftit li xejn jaghti kredibilita ghall-versjoni tal-konvenut li hi mmirata biss u unikament biex tissostanza talba ghall kontra l-attur, li fil-fatt hi l-kontro-talba li saret f'din il-kawza.**

**7. Daqstant ma kienetx kredibbli x-xhud Nathalie Vella, illi mill-post tax-xoghol taghha fil-Gzira setghet issegwi de proprio dak li kien qed isir fil-flats fl-Imsida. Bizzejjed wiehed jghid li din tabita fil-flats tal-konvenut, u kif tghid hi stess : « hu jghidli f'liema flat noqghod. »**

**8. F'tentattiv futili biex jissostanzja it-tezi tieghu l-konvenut tella fl-ahhar mument lil Tonio Sultana, persuna li l-istess konvenut jissuplixxih bix-xoghol. Dana jghid li kien prezenti meta sar il-ftehim ta' bejn l-attur u l-konvenut, kif ukoll meta l-attur ma riedx ikompli x-xoghol ghax il-konvenut ma riedx ihallsu. Pero` rilevanti ferm li dan ix-xhud ma rax quotations jew kontijiet li ghaddew bejn il-partijiet.**

**9. Mill-kumpless tal-provi t-Tribunal hu soddisfatt li fil-fatt il-maggor parti tax-xoghol sar, u sar sew, tant li min gie jahdem wara l-attur kull ma kellu jaghmel kien b'mitejn lira xoghol. Ma gie pruvat b'ebda mod li x-xoghol ma kienx skond is-sengha u l-arti, anzi jirrizulta l-oppost. Kien hemm pratikament qbil dwar**

**ix-xoghol li sar. Hemm qbil ukoll li l-attur talab ghall-hlas u dana ma thallasx. Jirrizulta li fil-fatt kien il-konvenut li waqqaf lill-attur milli jkompli x-xogholijiet. Ghalhekk l-ammont mitlub jirrizulta pruvat.**

**10. Dwar il-kontro-talba, it-Tribunal ikollu jghid li din ghandha is-sembjanzi kollha ta' talba frivola u vessatorja, intiza biss biex b'xi mod iddejjaq lill-attur talli dan qed jitlob il-hlas misthoqq. It-Tribunal mhux ser jadotta l-estremi permessi mill-ligi meta dan isir, u ser jastejni milli jissanzjona lill-konvenut ghall tali kontro-talba.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal filwaqt li qed jichad il-kontro-talba bhala kompletament infondata, qed jilqa' it-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuti ihallsu lill-atturi s-somma ta' elf mija u sebgha u erbghin lira Maltija (Lm1147.00) bl-imghax legali mill-14 ta' Mejju, 2004 sad-data tal-pagament effettiv.**

**L-ispejjez tat-talba u tal-kontro-talba ghandhom jigu sopportati unikament mill-konvenuti.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------